# It-Twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop u l-Kurunella lil San Leonardu Abbati

**Joseph Carbone**

*Fil-kitba ta' Joseph Carbone tinħass l-imħabba li għandu lejn ir-raħal ta' Ħal Kirkop u l-istorja tiegħu. Fil-kontribuzzjoni ta' din is-sena ser ifakkarna f'anniversarji importanti, dak tat-twaqqif tal-Parroċċa Matriċi ta' San Leonardu Abbati 420 sena ilu u l-Kurunella lill-istess Qaddis miktuba minn Amabile Sisner. Jagħlaq b'tislima lill-mibki ħuna Frans Attard f'għeluq l-20 sena minn mewtu.*




## Ħal Kirkop 420 Sena Parroċċa

Nhar it-23 ta' Mejju, 1592 miet il-Kappillan tal-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, Dun Bartilmew Mangion. Fl-ewwel xhur ta' dik is-sena feġġet għal darb'oħra l-marda qerrieda tal-pesta, wara li xi xwieni tal-Gran Duka tat-Toskana, daħlu fil-port ta' Malta b'xi prejjeż, fejn l-awtoritajiet donnhom ma ħadux prekawzjoni biżżejjed dwar kienx hemm mard u ħallew isir xi kummerċ. B'hekk sar ħafna taħlit bejn il-Maltin u l-baħrin, li wara ftit taż-żmien bdew jimirdu u jmutu.

Jista' jkun li l-Isqof ta' Malta Tommaso Gargallo, bl-iskuża biex inaqqas it-taħlit bejn in-nies fi żmien hekk ikrah, kif ukoll issa li ma kellux lill-kappillan ta' Bir Miftuħ ifixklu, ħataf l-opportunità u ħareġ digriet, fejn għolla għall-pożizzjoni ta' parroċċi lil Ħal Tarxien u lil Ħal Kirkop. Forsi għamel hekk u beda jwaqqaf parroċċi ġodda biex ikun bħall-Isqof Senatore De Mello, li fl-1436 qasam l-irħula ta' Malta f'għaxar parroċċi? Dan id-digriet kien inħareġ nhar id-29 ta' Mejju 1592. L-Isqof kien għaqqad ma' Ħal Kirkop l-oqsma tal-Imqabba u lil dak ta' Ħal Safi, biex waqqafhom parroċċa waħda taħt it-titular ta' San Leonardu Abbati, bil-knisja ddedikata lilu tibda sservi bħala l-knisja Matriċi ta' din il-parroċċa l-ġdida. Bħala kappillan tagħha, laħħaq lil Dun Karlu Taliana, li kien ġa midħla tal-inħawi, peress li kien jaqdi dmiru fil-Matriċi ta' Bir Miftuħ.

F'għeluq l-420 sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop, tajjeb li nagħtu ftit informazzjoni fuq nies prominenti li kienu jmexxu f'Malta, kemm dawk ċivili, kif ukoll il-mexxejja tal-knisja ta' dak iż-żmien.



## Il-Papa Klement VIII ( 1592-1605)

Kien Fuq it-Tron ta' Ruma meta Ħal Kirkop sar Parroċċa

Il-kardinal Ippolito Aldobrandini twieled ġewwa Fumo, nhar l-24 ta' Frar 1536. Wara l-mewt tal-Papa Innoċenz IX, huwa ġie magħżul bħala l-Papa l-ġdid, taħt l-isem ta' Klement VIII. Peress li kien studja l-liġi, Klement VIII kien mexxej abbli u kapaċi ħafna fit-tmexxija tal-istat. Kien bniedem ta' kultura kbira iżda kien magħruf li kien

# TALB U TIFHIR

LIL

# SAN LEONARDO ABBATI

Mictub mis Sac. AMABILE SISNER
Biox Jinghad fil Cnisia Parrocchiali
Ta Hall Chircop

---

## I.

Gbira chienet il kdusia,
Li zeinitech fuk dina l'art,
Gbira il kauna, li gio is Sema
Talbech ghandu, o San Anart.
Fost il herka, ghaloch, ta kalbna,
X'hein fohhria u kima intuc,
Ja Missierna, bit-talb tighech,
Fickaf maghna nitelbuc.
*Pater, Ave u Gloria etc.*
Leonardo, Missier taghna,
B'talbech jekaf dejem maghna.

## II.

Il piaciri, il gid, l'unuri
Minnech dejem bgheid zammeit;
L'umiltà, 't ibatia u il fakar
Bl'agbar ghozza Inti habbeit,

iħobb il-lussu u kien jemmen fin-nepotiżmu. Tant hu hekk li kien ħatar tliet neputijiet bħala kardinali. Kien bniedem rett fejn tidħol ir-reliġjon Kattolika. Fl-1600, kien ikkundanna lill-filosfu Giordano Bruno, patri Dumnikan, meta xlieħ li kien kontra xi tagħlim tal-knisja – dan spiċċa maħruq ħaj fi Piazza Dei Fiori. Klement VIII kien qalil ma' nies kriminali u fejn kien jidħol ir-rinfurzar tal-liġijiet ma kien jaħfirha lil ħadd. Imbagħad kellu mħabba speċjali lejn l-arti u x-xjenza u kien jinkoraġġixxi ħafna lill-artisti u lix-xjenzati. Bħala politika barranija Klement VIII kien irrikonċilja mal-istat Franċiż. Għen ħafna biex Franza u Spanja jersqu għal ftehim wara gwerrer li ħadu s-snin. F'pajjiżu l-Papa kien irnexxielu b'diplomazija kbira jgħaqqad xi partijiet mill-Italja li qabel kienu propjetà ta' ħakkiema oħra. Fl-1595 il-Papa Klement VIII għamel alleanza ma' diversi mexxejja Kattoliċi Ewropej biex iwettqu l-gwerra qaddisa kontra l-imperu Ottoman. Il-Papa Klement VIII kien ibati ħafna bil-gotta, tant hu hekk li qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu fis-sodda. Nhar it-3 ta' Marzu, 1605 wara attakk ta' puplesija, il-Papa Klement VIII miet. Ġie midfun fil-bażilika ta' San Pietru, però fl-1646 l-Papa Pawlu V bnielu mużulew f'Santa Marija Maggiore, u l-fdal tiegħu kien ġie trasferit għal hemm.

Hemm għidut li meta x-xarba tal-kafe bdiet dieħla fl-Ewropa u bdiet iżżid fil-popolarità, kienu taw parir lill-Papa biex jabolixxi din ix-xarba għax kienet ix-xarba tax-xitan u kienet tinxtorob ħafna mill-Misilmin. Wara li daqha, l-Papa kien qal li x-xarba tax-xitan hija tajba, allura ejjew nidħku bih u ngħammduha. Dan jgħidu li ġara fl-1600.

Statwa ta' dan il-Papa tintrama kull sena fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu. Dik qadima kien saret minn Vincenzo Maria Cremona qabel din ġiet mibdula ma' kopja fidila f'interpretazzjoni ta' Andrew Bugeja fl-2010.

## Il-Gran Mastru Hughes Loubenx de Verdalle ( 1582-1595)



Il-Gran Mastru Verdalle twieled f'Guascogne u ta' età żgħira daħal fl-Ordni bħala kavallier tal-lingwa ta' Provenza. Ħa sehem attiv f'taqbidiet kontra l-Mislem, l-aktar waqt l-assedju tal-1565. Verdalle serva f'diversi karigi, fosthom bħala kommendatur del Granaro, Ambaxxatur għall-Vatikan, Balliju tal-Lingwa ta' Provenza, kif ukoll kariga li ġġorr magħha l-pożizzjoni ta' president tat-teżor - titlu li ġablu wkoll il-preċedenza wara l-Gran Mastru u meta dan ikun indispost kien iservi floku. Nhar il-21 ta' Diċembru, 1581, il-Gran Mastru Jean Levique de la Cassiere miet ġewwa Ruma. L-aħbar tal-mewt tal-Gran Mastru kif ukoll brevi maħruġ mill-Papa Girgor XIII, waslu Malta fit-3 ta' Jannar, 1582. Il-Papa kien innomina tliet kandidati għall-elezzjoni għall-Gran Mastru l-ġdid. Dawn kienu l-kavallier Hughes Loubenx de Verdalle, Gran Prijur ta' Saint Gilles, il-kavallier Parnisse, u l-kaptan Ġenerali tal-Flotta, il-kavallier Chabrillan. Intagħżel Verdalle, li ħa l-ħatra nhar it-12 ta' Jannar, 1582.

Fl-10 ta' Frar, 1588, waslu f'Malta l-ewwel patrijiet Kapuċċini. Fl-1591 waqt sinodu kien ġie deċiż li jinbena seminarju. Effett tal-ħbiberija bejn il-Gran Mastru u l-Papa Klement VIII kien ġie deċiz li titwaqqaf fundazzjoni biex jinfetaħ seminarju li jkun immexxi mill-Ġiżwiti. Fit-12 ta' Novembru, 1592 waslu l-ewwel tnax il-patri Ġiżwita.

Fl-1592 xi xwieni tal-Gran Duka tat-Toskana qabdu xi xwieni bil-merkanzija qrib Lixandra u baqgħu ġejjin bihom Malta. Xi Maltin bdew jinnegozjaw mal-baħrin u effett ta' dawn il-kuntatti, xterdet il-marda tal-pesta li karkret sa Ġunju 1593. Tul dan iż-żmien, il-marda kienet

tbatti u terġa' tikkarga. Kienu mietu madwar 3000 ruħ kif ukoll madwar 40 kavallier. Il-permess biex jerġa' jibda jsir il-kummerċ bejn Malta u Sqallija kien ħareġ fil-5 ta' Jannar, 1594.

Il-Gran Mastru Verdalle kien dilettant kbir tal-kaċċa allura ħaseb biex jibni palazz addattat għalih fil-Buskett, għaliex ħlief xi kmamar ta' żmien il-Gran Mastru La Vallette ma kienx hemm. Fi żmien Verdalle, il-pittur Paladini ġie jgħix f'Malta, wara li kien ġie mkeċċi minn pajjiżu Firenze u l-Gran Mastru Verdalle laqgħu. Dan il-pittur pitter bosta kwadri, kif ukoll pitter is-saqaf tas-sala ewlenija tal-palazz Verdalle, b'siltiet mill-ħajja tal-Gran Mastru stess. Kien fi żmien il-Gran Mastru Verdalle li Giacomo Bosio tqabbad biex jikteb l-istorja tal-Ordni. Verdalle kien bena wkoll it-torrijiet u l-kavallier ta' San Ġwann u dak ta' San Ġakbu biex jgħassu d-daħla tal-Belt Valletta. Bħala rigal lill-Ordni, meta laħaq Gran Mastru, Verdalle kien irregala sett ta' kotba tal-liturġija.

Il-Gran Mastru Hughes Loubenx de Verdalle kien l-uniku Gran Mastru li nħatar kardinal, tul iż-żmien li l-Ordni ta' San Ġwann dam Malta. Minħabba l-bosta tilwim bejn il-kavallieri, il-Papa sejjaħ lill-Gran Mastru Ruma. Fil-11 ta' Novembru, 1587 erba' xwieni telqu mill-Port il-Kbir, bil-Gran Mastru Verdalle u waslu Ruma fit-8 ta' Diċembru. Il-Papa Sistu V laħħqu kardinal għax kien ħaseb li b'hekk kien ser jonqos it-tilwim bejn il-kavallieri, iżda mar imqarraq għax it-tilwim baqa', jekk ma eskalax ukoll. Fl-1595 Verdalle kellu jerġa' jitla' Ruma għal udjenza mal-Papa, dwar it-tilwim bejn il-kavallieri. L-inkwiet keddu ħafna lill-Gran Mastru u b'saqajh u jdejh paralizzati kellhom iġorruh dejjem fuq suġġetta. Nhar it-23 ta' Marzu, 1595, tul l-għodwa Verdalle attenda għall-funzjonijiet ta' Ħamis ix-Xirka u wara huwa nxteħet fis-sodda. Fid-9 t'April, 1595 huwa qerr u ġie amministrat lilu l-Vjatku. Fl-10 t'April Verdalle għamel it-testment, fejn fost kollox ħeġġeġ ħafna għall-għaqda fost il-membri tal-Ordni. Nhar l-4 ta' Mejju, 1595, imbagħad, fil-5 ta' filgħaxija, Verdalle ħa l-aħħar nifs. Huwa ġie bbalzmat u mlibbes bl-abiti ta' Kardinal u ġie espost fis-sala maġġura tal-palazz, li kienet ġiet imżejna b'damask iswed. Fis-6 ta' Mejju saret il-quddiesa *praesente cadavere* u ġie midfun fil-kripta tal-knisja konventwali tal-Ordni.




## L-Isqof Tommaso Gargallo (1578-1614)

L-Isqof Tommaso Gargallo kien Spanjol li serva bħala viċi-kanċillier tal-Ordni għal bosta żmien. Fl-1579 il-Papa Girgor XIII ħatar lil Tommaso Gargallo Isqof ta' Malta. L-Isqof Gargallo kien bniedem għaref u ta' dixxiplina kbira kif kien jeħtieġ dak iż-żmien. Kien meqjus ukoll bħala bniedem ta' ras iebsa u ma jerħiha lil ħadd. Effett ta' hekk spiss kien ikollu kwistjonijet mal-Gran Mastri tul l-episkopat twil ta' 37 sena. Forsi l-aktar Gran Mastru li kellu kwistjonijiet kbar miegħu, kien La Cassiere. Tant kienet kbira l-firda bejniethom li meta ġie biex jikkonsagra l-knisja konventwali ta' San Ġwann, La Cassier ma stedinx lil Gargallo biex jagħmel dan iżda ġab lill-Isqof ta' Montreale, Ludovico Torres. Wara dan l-avveniment, bejn l-Isqof Gargallo u La Cassiere eskalat il-firda. Sa spiċċaw bil-klikek tagħhom li ta' spiss kienu jiġu fl-idejn bejniethom. L-Isqof Tommaso Gargallo kien meqjus bħala stinat u ma jħalli lil ħadd jindaħallu. Meta laħaq Gran Mastru Verdalle dan xtaq li jressaq aktar lejn xulxin lill-kavallieri kif ukoll lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. L-isqof Tommaso Gargallo kien wera ħruxija kbira u uża forza qawwija fit-tilwima li kellu mal-Inkwiżitur Cefalotto. Dan l-aġir ġiegħel

lill-Papa jikkastigah wara li ma obdiex l-ordni fejn kellu jħallas 400 skud lill-istess Inkwiżitur. Bħala kastig Gargallo ġie sospiż għal sitt xhur mill-ħidma saċerdotali u sentejn mit-tmexxija tad-djoċeżi u tul il-perjodu kollu kellu jitlaq ukoll minn Malta. L-Isqof Tommaso Gargallo jibqa' mfakkar għal bosta parroċċi li waqqaf, fosthom Ħal Kirkop u Ħal Tarxien fid-29 ta' Mejju, 1592, l-Imqabba u Ħal Safi fl-1598, il-Mosta fl-1608 u Ħal Għargħur fl-1610.

L-Isqof Gargallo miet fl-10 ta' Ġunju, 1614 fid-dar tiegħu fuq l-Għolja ta' Santa Margerita barra l-Birgu u ġie midfun fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt.



## L-Inkwiżitur Giovanni-Ludovico Dell'Armi (1592-1595)

Fl-1 ta' Marzu, 1592 miet l-Inkwiżitur Paolo Bellardito. Francesco Condulli, Malti li kien l-id il-leminija tal-Inkwiżitur ħa t-tmexxija bħala pro-Inkwizitur sa ma jinħatar wieħed ġdid minn Ruma. Il-Papa Klement VIII fit-12 ta' Mejju, 1592, xahrejn wara l-mewt ta' Bellardito ħatar lil Giovanni-Ludovico Dell'Armi, bħala Inkwiżitur u Delegat Appostoliku. Dan wasal Malta f'Awwissu 1592.

Giovanni-Ludovico Dell'Armi twieled f'Bolonja fejn studja l-liġi ċivili u dik ekklesjastika. Kien iġib it-titlu ta' Protonotarju Appostoliku. Dan l-Inkwiżitur, beda ħażin għax meta wasal Malta kien hawn l-imxija tal-pesta li ħalliet madwar 3000 ruħ mejta. Forsi effett tal-marda tal-pesta ma nsibux wisq tribunali mmexxija minnu billi fi żmien hekk ikrah l-awtoritajiet ma kienux jinkoraġixxu taħlit wisq bejn in-nies. Ma ninsewx li fiż-żmien li damet din il-marda qerrieda, kienet tbatti ftit u kważi tieqaf, imbagħad terġa' tfeġġ b'aktar qawwa, u damet sejra hekk sa ma waqfet għalkollox fil-bidu tas-sena 1594. Dan l-Inkwiżitur għamel isem għall-inkoraġġiment li ta biex jiżdied il-livell ta' edukazzjoni fil-Gżejjer Maltin. Kien ta sehmu fl-opra li rabat ismu magħha, il-Collegium Melitense. Bit-twaqqif tal-kulleġġ fdat lill-Ġiżwiti fuq ix-xewqa tal-istess Papa li fis-sena 1582 kien inkoraġġixxa proġett biex tingħata għajnuna spiritwali akbar lill-kavallieri u lill-poplu. Fi żmien l-Inkwiżitur Dell'Armi kien miet il-Gran Mastru Verdalle. Wara li Dell'Armi spiċċa minn Inkwiżitur ta' Malta, huwa safa mixli quddiem is-suċċessur tiegħu l-Inkwizitur Del Bufalo, li kellu kunfidenzi ma' xi nisa, l-aktar ma' Lorenza Crispo li f'xi żmien kien xeħitha fil-ħabs u wara li nħelset baqgħet tiffrekwentah. Din l-akkuża ma kinitx ġiet ippruvata biżżejjed, però għenet biex tagħlaqlu l-bibien għal xi karriera. Meta telaq minn Malta Dell'Armi kien sab ruħu mwarrab għal kollox.

## Dun Karlu Taliana l-Ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop

Dun Karlu Taliana twieled Ħal Luqa fl-1563 bin Mariano u n-neputi ta' Patri Damiano Taliana OP. Nhar is-6 t'April, 1585 fl-età ta' 22 sena Dun Karlu Taliana laħaq qassis. Lil Dun Karlu nsibuh jaqdi dmiru fil-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ fejn kien ukoll jamministra s-sagramenti fil-knisja ta' San Leonardu tal-qasam* ta' Percop.

Nhar id-29 ta' Mejju, 1592 l-Isqof Tommaso Gargallo ħareġ id-digriet fejn għolla l-irħula ta' Tarxien u Percop għal parroċċa, u għażel lil Dun Karlu Taliana bħala l-ewwel kappillan fejn fdalu l-parroċċa b'xi 150 familja li kienu ġejjin mill-oqsma ta' Percop, Safi u Micabba.

Dun Karlu Taliana dam imexxi l-parroċċa għal 38 sħaħ sa ma miet fl-1628 fil-għomor ta' 68 sena. Ma jidhirx li ndifen fir-raħal. Tul il-parokkat twil tiegħu, għal Dun Karlu ma kienx kollox ward u żahar. Dan jixhdu l-ilment mal-Isqof Cagliares meta fil-vista pastorali tal-1621 l-kappillan ilmenta li wara 23 sena jaqdi dmiru bħala parrokku, ma kellux post adekwat fejn jgħix. Għaldaqstant l-istess Isqof kien irrimarka li għandha tingħata akkomodazzjoni xierqa lill-kappillan. Forsi wkoll minħabba xi problemi simili, l-kappillan Taliana kien waqa' fil-vizzju tax-xorb u kien ġie sospiż mill-qadi ta' dmirijietu, kif ukoll milli jamministra s-Sagramenti. Sa ma għadda ż-żmien tas-sospensjoni, ħa ħsieb il-parroċċa l-viċi Dun Luqa Schembri.

(* bil-kelma qasam jew oqsma rridu nfissru 'hamlet')

Bibiljografija:
Ħal Luqa niesha u ġrajjietha - Dun Ġuzepp Micallef
Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom- publikazzjoni PIN
Storja tal-Inkwiżizzjoni ta' Malta- Patri Alexander Bonnici OFM Conv.
Grand Master Hughes Loubenx De Verdalle- Michael Galea
Il-Gran Mastri - Vincent Zammit
Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru Vol 1- Profs H.C.R Vella (ara l-aktar in-noti minn paġna 121 sa paġna 132 għal kitba ta' interess kbir dwar it-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop)

## Tagħrif fuq Dun Amabile Sisner, l-Awtur li kiteb il-Kurunella Talb u Tifħir lil San Leonardu Abbati



Amabile Sisner, qassis, kappillan, studjuż, poeta, kittieb u mużiċista, twieled f'Bormla nhar it-13 t'Awwissu 1854, bin Giuseppi u Carmela, xebba Cristina. Fi tfulitu Amabile kien tifel bil-għaqal iħobb l-istudju kif ukoll il-mużika. Kien ikanta fil-kor tal-parroċċa tal-Belt Cospicua sa ma daħal is-seminarju jistudja biex jilħaq saċerdot. Meta qaddes ħadem għal xi żmien f'Bormla fejn kien jieħu ħsieb lit-tfal kif ukoll liż-żgħażagħ. Kien jgħallimhom il-kant kif ukoll kien jippreparahom għall-funzjonijiet li jkun hemm fil-Kolleġġjata ta' Bormla bħalma huma dawk tal-Ġimgħa l-Kbira. Fit-18 ta' Ġunju, 1896 Dun Amabile Sisner ħa l-pussess bħala l-Kappillan ta' Ħal Balzan fejn dam sa mewtu, li seħħet nhar is-17 ta' Ġunju, 1923, fl-għomor ta' 69 sena. Il-kappillan Sisner baqa' magħruf sewwa għall-ħidma kbira li wettaq f'Ħal Balzan tul is-27 sena li ħadem bħala ragħaj spiritwali fost il-Balzanin. Kien jieħu ħsieb it-tagħlim tal-katekiżmu liż-żgħar kif ukoll kien iżur il-familji Balzanin, l-aktar dawk milquta minn xi saram tal-ħajja u kien ta' għajnuna lil kull min kellu bżonn. Għalkemm ix-xogħol tal-Parroċċa kien jeħodlu ħafna mill-ħin tiegħu, Dun Amabile xorta waħda kien isib dak id-daqsxejn ta' intervall biex għall-kwiet, ikun jista' jikteb, l-aktar bil-Malti – lingwa, li dak iż-żmien kienet ferm skartata mill-kbarat u l-alta soċjetà. Ilsien mitkellem biss mill-bniedem komuni bla ebda klassi u kien imlaqqam bħala l-lingwa tal-kċina, iżda li Dun Amabile ma kienx jiddejjaq biex jikteb bih sabiex jeduka lill-poplu. Qabel l-1896, meta kien għadu jaqdi dmiru f'Bormla, Sisner kien ġa ħareġ il-ktieb Ward Bla Xewk, li kien jikkonsisti f'rakkonti storiċi u stejjer qosra, bħalma kienu 'l-Iltim u Żewġt Aħwa', 'Il-Ħajja ta' San Franġisk Saverju', kif ukoll ktieb fuq il-Verġni Marija. Meta s-sur Alfons Maria Galea f'Settembru ta l-1899 beda joħroġ il-kotba tal-qari 'Mogħdija ta' Żmien', lil Dun Amabile Sisner nsibuh bħala wieħed mill-awturi li kitbu u ġie stampat xogħolhom. Dun Mab kiteb dawn il-kotba: ir-rumanz 'Ġenoveffa', 'Mit-Tieġ għall-Martirju', 'Vjoli u Ġiżimin', kif ukoll f'għadd numru 60 tal-kotba 'Mogħdija taż-Żmien' insibu l-itwal poezija li qatt kiteb Dun Amabile Sisner, 'Lill-Ħanina Omm Alla - Consolatrix Afflictorum'. Fl-1904 kiteb ukoll il-ktieb bit-titolu 'Imxi l-Ġenna' li kien jikkonsisti f'ġabra ta' talb, meditazzjonijiet u devozzjonijiet oħra. Dan barra xogħol ieħor







Żewġ pubblikazzjonijiet miktuba minn Dun Amabile Sisner

imxerred 'l hawn u 'l hinn. L-Isqof Pietru Pace kien faħħar ħafna x-xogħol ta' Sisner. L-istess kien għamel il-Papa Ljun XIII meta Sisner kellu udjenza miegħu nhar it-22 ta' Mejju, 1893 – il-Papa kien faħħar u ħeġġeġ lil Dun Amabile biex jissokkta jikteb xogħol edukattiv kif ukoll spiritwali bħal dak.


4

*Pater, Ave u Gloria etc.*
Leonardo, Missier taghna,
B'talbech ikaf dejem maghna.

VII.

Bil chelmiet taz-zein tighech
Herbâdt, kridt l'idolatria,
U giaghilt, min floca, issa
Taghna il Fidi nisrania.
Gbir Kaddis, mahbub Missierna,
Bla ma tebda, itlob ghalina,
Biex il Fidi ta l'insara,
Bla ma imtiefsa, tibka fina.
*Pater, Ave u Gloria.*
Leonardo, Missier taghna,
B'talbech ikaf dejem maghna.

Mons. Iskof Dr. Don PIETRO PACE, li dagriet tas 6 ta Settembru 1892, ta l' Indulgenza ta 40 jum lil cull min igheid bil kalb dan it talb.

Nihil obstat
Die 10 Octob: 1919
ALOIS. CAN. FARRUGIA
Cens. Theol

TALB U TIFHIR
LIL
SAN LEONARDO ABBATI
Mictub mis Sac. AMABILE SISNER
Biex Jinghad fil Cnisia Parrocchiali
Ta Hall Chircop

I.

Gbira chienet il kdusia,
Li zeinitech fuk dina l'art,
Gbira il kauna, li gio is Sema
Talbech ghandu, o San Anart.
Fost il herka, ghalech, ta kalbna,
X'hein fohhria u kima intiu,
Ja Missierna, bit-talb tighech,
Tickaf maghna nitolbuc.
*Pater, Ave u Gloria etc.*
Leonardo, Missier taghna,
B'talbech jekaf dejem maghna.

II.

Il piaciri, il gid, l'unuri
Minnech dejem bgheid zammeit;
L'umiltà, 't ibatia u il fukar
Bl'agbar ghozza Inti habbeit,

L-ewwel u l-aħħar paġna minn erba' li juru t-Titlu tal-Kurunella u minn min inkitbet, kif ukoll l-indulġenza li kien ħareġ l-Isqof Dr Dun Pietru Pace fl-1892

Dun Amabile Sisner kien ukoll mużiċista. Kellu mħabba kbira lejn il-mużika u l-hena tiegħu kien meta jintefa' jdoqq l-orgni, jew jgħallem il-kant lit-tfal. Jingħad li sal-lum f'Bormla, għadhom ikantaw l-innu u l-antifona ta' San Ġużepp nhar il-festa tiegħu, li huma xogħolu. Hemm ukoll xogħol mużikali tiegħu miżmum b'għożża fl-arkivji tal-parroċċa ta' Bormla. Din tikkonsisti f'innijiet reliġjuzi, antifoni, responsorji, għosrien u kif ukoll ġeneri oħra ta' muzika li għandha x'taqsam mal-knisja.


Mons. Iskof Dr. Don PIETRO PACE, b' dagriet tas 6 ta Settembru 1892, ta l' Indulgenza ta 40 jum lil cull min igheid bil kalb dan it talb.

Dettall li juri l-indulġenza li kien ħareġ l-Isqof

F'Ħal Kirkop, tul il-festa tal-Qaddis Patrun tar-raħal tagħna San Leonardu Abbati, tingħad il-kurunella, *TALB U TIFĦIR LIL SAN LEONARDU ABBATI*. Din il-kurunella, kienet ġiet miktuba minn Dun Amabile Sisner u ġġorr magħha indulgenza ta' 40 jum lil kull min jgħidha. Dan id-digriet kien inħareġ minn Mons. Isqof Dr. Don Pietro Pace, nhar is-6 ta' Settembru, 1892. Dan ifisser li din il-kurunella ilha tingħad żgur għal dawn l-aħħar 120 sena - jista' jkun ukoll li nkitbet qabel.


Referenzi
LEĦEN IS-SEWWA 3 ta'Diċembru, 1983
HERITAGE No 45 (Klabb Kotba Maltin)
DICTIONARY OF MALTESE BIOGRAPHIES - publikazzjoni PIN


## Għoxrin sena ilu ħalliena seħibna Frans Attard



Kien il-Ħadd 31 ta' Mejju, 1992 jumejn wara li r-raħal iċċelebra l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa. F'xi ħin wara s-sitta ta' filgħaxija kienet seħħet splużjoni fil-kumpless tal-fabbrika tan-nar li l-Għaqda Mużikali San Leonardu għandha fil-limiti ta' Wied il-Qoton. F'din l-isplużjoni kien tilef ħajtu Frans Attard, magħruf bil-laqam ta' 'il-Kolla'. Frans kien attiv ferm fejn tidħol il-festa tal-Patrun ta' Ħal Kirkop San Leonardu. Kif tasal il-festa kont tarah jirsisti u jgħin lil kull min jitolbu, jew lil min kien jarah li jkollu bżonn l-għajnuna. Personalment, jiena kont ħabib kbir ta' Frans bħalma kienu ż-żgħażagħ kollha ta' tamparu, għaliex Frans ma kellux għedewwa tant kemm kien bniedem baħbuħ. Jien personalment għadni ma nistax inneħħiħ minn quddiem għajnejja, b'dik id-daħka fuq fommu, kollu ċajt u kliemu ta' ħabib.

Sfortunatament din is-sena taħbat l-għoxrin sena mill-mewt tiegħu. Tal-familja tilfu raġel fuq l-irġiel, bieżel u jirsisti. Aħna l-ħbieb tiegħu tlifna ħabib ta' vera u kollega bieżel fejn tidħol il-festa. Vera kellu qalbu tħabbat bil-qawwi għall-festa ta' San Leonardu. Forsi fatt li ftit jafuh huwa li meta konna xi grupp żgħir ta' ħbieb, Frans kien jixgħel l-istereo tal-karozza u jdoqq l-Innu l-Kbir, Tifħir lil San Leonardu Abbati, ta' George Martin. Kien jintilef u ġieli qabżitlu xi demgħa. Imbagħad meta konna nindunaw kien jgħidilna "sabiħ wisq dan l-innu. Kemm inħobb nisimgħu." Imbagħad kien ikompli b'xogħlu. Ta' kull sena, fil-ġimgħa tal-festa jew waqt xi attività l-każin, bosta jsemmuh u jgħidu "mur ġib lil Frans".

Nitolbu għalih biex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, filwaqt li naħilfulu li żgur mhux ser jiġi qatt minsi minna l-ħbieb u minn dawk li għad jiġu warajna, għax wara kollox Frans ħalla ħajtu għall-imħabba li kellu lejn San Anard, il-qaddis Patrun ta' Ħal Kirkop, Qaddis li kellu mħabba speċjali għalih.